ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IS-SEBA'  LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 501**

**It-Tnejn 26 ta' Novembru, 2018**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fis-6.05 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Marc Vella Bonniċi – Sindku
Mark Grech – Viċi-Sindku
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Joseph Vella – Kunsillier
Roderick Vella – Kunsillier
Joseph Bonnici – Kunsillier
John J Pace – Kunsillier
Brian Spiteri – Kunsillier
Anna Calleja – Kunsilliera
Joseph Agius – Kunsillier
Julian Paul Scicluna – Kunsillier

**ASSENTI  b'APOLOĠIJI**

Ħadd ma kien assenti.

**UFFIĊJAL  PREŻENTI:**

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

**501.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

501.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**501.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

501.2.1 Fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li japprova l-minuti tal-500 laqgħa.

**501.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

501.3.1 Is-Sindku rrefera għaċ-ċirkulari numru SPI 12/2018 dwar skema finanzjarja favur il-komunità - Ħajja aħjar permezz ta' eżerċizzju fiżiku u sports u nforma lill-Kunsill illi kienet ġiet sottomessa applikazzjoni sabiex jinxtara apparat għal *open gym*.

501.3.2 Is-Sindku tkellem dwar iċ-ċirkulari numru SPI 1/2018 relatata ma' għajnuna finanzjarja għall-Kunsilli Lokali li qed jorganizzaw il-korsijiet tal-*life long learning*. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li japplika għal din l-iskema u jinxtara *air condition* sabiex jitwaħħal fis-sala fejn qed jiġu organizzati l-korsijiet tal-*life long learning*.

501.3.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kien inbeda l-proġett ta' tisbiħ fil-Masġar taż-Żebbuġ. Is-Sindku żied jgħid li x-xogħlijiet kienu jinkludu, fost affarijiet oħrajn, bini ta' teatru grieg, latrina pubblika, ħitan u kafeterija, xogħlijiet fuq passaġġi tal-konkrit u twaħħil ta' bankijiet għal *picnic areas*.

501.3.4 Is-Sindku qal illi xi ndividwi kienu qed jitilgħu fuq ċint fil-Masġar taż-Żebbuġ biex jaraw il-logħob li jkun qed isir fil-grawnd tal-futbal ta' *St Patrick's FC*. Is-Sindku żied jgħid illi l-ħajt mhux sigur u hemm ċans li jisfronda. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li jqabbad lill-kumpanija *Deba Enterprises Company Limited* tibni *fence* tal-ħadid sabiex ħadd ma jitla' fuq iċ-ċint u jiġi evitat kull periklu. Għal dan is-servizz il-Kunsill ser iħallas is-somma ta' €4,200 eskluż il-VAT.

501.3.5 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi fil-ġranet li ġejjin kien mistenni joħroġ il-permess tal-*Planning Authority* sabiex jiġi approvat il-proġett ta' tisbiħ f' Misraħ San Nikola kif ukoll il-proġett ta' *Dog Park.*

501.3.6 Is-Sur Joseph Agius staqsa minn fejn kien ser jiġi ffinanzjat il-proġett ta' tisbiħ f' Misraħ San Nikola. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien ser iġib fondi mill-GAL Xlokk u japplika għall-*Urban Development Funds.*

501.3.7 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk il-kumpanija *Bilom* kinitx ser tiffinanzja parti mill-proġett ta' tisbiħ f' Misraħ San Nikola. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv.

Is-Sur Buttigieg talab sabiex il-Kunsill jitlob lill-kumpanija *Bilom* tirranġa parti mit-triq peress illi kienet sfrundat waqt li kien qed isir ix-xogħol ta' kostruzzjoni fi Pjazza San Nikola.

501.3.8 Inqrat korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2019 fejn il-Kunsill ġie nfurmat illi l-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill ser tkun ta' €988,957. Is-Sindku żied jgħid li dan l-ammont kien jinkludi l-fondi tal-Kumitat Amministrattiv St Peter.

501.3.9 Is-Sindku qal li kien infurmat illi f'Ħaż-Żabbar kien hemm rispons tajjeb mir-residenti fis-sistema l-ġdida għall-ġbir ta' skart organiku.

501.3.10 Il-Viċi-Sindku talab sabiex il-ġbir ta' skart riċiklabbli jiżdied għal iktar minn darba fil-ġimgħa.

501.3.11 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kellu l-ħsieb li fiż-żona magħrufa bħala tal-Fataħ jitqiegħdu numru ta' *skips* u *bring in sites* sabiex ir-residenti Żabbarin jagħmlu użu minnhom biex jarmu l-borża s-sewda, l-borża tal-iskart organiku u skart reċiklat. Is-Sindku żied jgħid illi l-ħsieb hu li ż-żona tkun magħluqa u kkontrollata b'*CCTV cameras* u tkun aċċessibli biss b'*card* awtorizzata mill-Kunsill. Din iż-żona ser tkun aċċessibbli mit-Tnejn sal-Ħadd 24 siegħa kuljum u b'hekk ħadd ma jkollu il-għaliex jarmi l-iskart mhux skont kif titlob l-iskeda tal-ġbir ta' skart. Il-Viċi-Sindku staqsa kemm ser tkun l-ispiża sabiex isir dan il-proġett. Is-Sindku qal li għalissa ma kienx jaf kemm ser jiswa dan il-proġett.

501.3.12 Is-Sur Joseph Vella daħal għal-laqgħa fis-6.30 ta' filgħaxija.

501.3.13 Il-Viċi-Sindku talab sabiex il-Kunsill jibda jiġbor l-iskart matul il-ġurnata tal-Ħadd ukoll. Is-Sindku qal illi dan ma kienx possibbli li jsir.

501.3.14 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kienet ġiet sottomessa applikazzjoni mal-*Malta Communication Authority* għal *Best Social Media Campaign 2018.*

## 501.4 Nominazzjonijiet għal Ġieħ Ħaż-Żabbar u Ċertifikat ta' Ħajr

501.4.1 Is-Sindku talab li jitressqu n-nominazzjonijiet għall-Onorifiċenzi ta' Ġieħ Ħaż-Żabbar u Ċertifikat ta' Ħajr li ser jingħataw mill-Kunsill f'Jum Ħaż-Żabbar – 1 ta' Frar, 2019.

<u>Ġieħ Ħaż-Żabbar</u>

501.4.2 Is-Sur Joseph Buttigieg ippropona li s-Sur Ġużeppi Theuma jingħata Ġieħ Ħaż-Żabbar għall-kontribuzzjoni tiegħu fil-Mużew tas-Santwarju. Is-Sur John J Pace ssekonda l-proposta tas-Sur Buttigieg u l-Kunsill qabel unanimament li Ġieħ Ħaż-Żabbar jingħata lis-Sur Ġużeppi Theuma.

501.4.3 Is-Sur Brian Spiteri ppropona li Ġieħ Ħaż-Żabbar għandu jingħata lis-Sur Joseph Vella Bonnici. Is-Sur Joseph Buttigieg issekonda l-proposta tas-Sur Spiteri u l-Kunsill qabel unanimament li Ġieħ Ħaż-Żabbar jingħata lis-Sur Joseph Vella Bonnici.

Ċertifikat ta' Ħajr

501.4.4 Fuq proposta tas-Sur Roderick Vella li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li jingħata Ċertifikat ta' Ħajr lis-Sur Michael Buhagiar għall-ħidma tiegħu fil-Mużew tas-Santwarju.

501.4.5 Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li jingħata Ċertifikat ta' Ħajr lis-Sinjura Rodianne Balzan għas-suċċessi tagħha fil-qasam sportiv.

501.4.6 Is-Sur Joseph Agius ippropona li jingħata Ċertifikat ta' Ħajr lis-Sinjura Claire Agius Ordway għall-impenn tagħha fil-qasam tal-ispettaklu.

501.4.7 Is-Sur Julian Paul Scicluna daħal għal-laqgħa fis-6.45 ta' filgħaxija.

501.4.8 Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jingħata Ċertifikat ta' Ħajr lis-Sur Pierre Pisani għall-ħidma tiegħu fil-qasam kulturali.

501.4.9 Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sur Julian Paul Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li jingħata Ċertifikat ta' Ħajr lis-Sur Charlie Micallef għall-ħidma tiegħu fil-qasam kulturali.

501.4.10 Fuq proposta tal-Viċi-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Roderick Vella, il-Kunsill qabel unanimament li jingħata Ċertifikat ta' Ħajr lis-Sur Alan Pace għall-impenn tiegħu fil-qasam artistiku.

501.4.11 Is-Sinjura Anna Calleja pproponiet sabiex jingħata rikonoxximent lis-Sinjura Ġina Caruana Caligari għall-impenn tagħha fil-qasam soċjali.

501.4.12 Is-Sur Roderick Vella qal illi matul il-*Junior Eurovision* 2018 li sar f'Belarus kien hemm żewġ żeffiena Żabbarin.

501.4.13 Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Roderick Vella, il-Kunsill qabel unanimament li jingħata rikonoxximent lis-Sur Luca Attard u lis-Sinjorina Giulia Schembri, iż-żeffiena Żabbarin li kienu qed jiżfnu fil-Junior Eurovision 2018.

## 501.5 Performance Bonus tal-Impjegati

501.5.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq l-*appraisal report* tal-impjegati tal-Kunsill għas-sena 2018. Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li l-impjegati tal-Kunsill Stephanie Testaferrata de Noto, Mary Rose Caruana, Charlene Saliba, Naomi Agius u Maria Livori jieħdu l-massimu (6%) tal-*performance bonus.*

501.5.2 Fuq proposta tas-Sur Vella Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv jingħata l-massimu (10%) tal-*performance bonus* għas-sena 2018.

501.5.3 Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-impjegati tal-Kunsill fejn talbu l-approvazzjoni tal-Kunsill biex numru ta' siegħat ta' *vacation leave* tas-sena 2018 jiġu akkumulati mal-*vacation leave* tagħhom għas-sena 2019 peress li ma kienx possibli jagħmlu użu sħiħ minnhom minħabba esiġenzi ta' xogħol. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jilqa' it-talba tal-impjegati.

## 501.6 Deċiżjoni dwar il-kuntratti :
**Offerti għall-provvista ta' apparat tat-triq u żebgħa għall-marki tat-toroq (ZLC 6/2017)**

501.6.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratt għall-provvista ta' apparat tat-triq u żebgħa għall-marki tat-toroq (ZLC 6/2017) li l-Kunsill għandu mal-Koperattiva Tabelli u Sinjali, kien ser jagħlaq fit-2 ta' Jannar 2019 u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx dan il-kuntratt għal sena oħra jew le. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li dan il-kuntratt jiġi mġedded għal sena addizzjonali taħt l-istess rati u kundizzjonijiet.

**Offerti għall-manutenzjoni ta' toroq u xogħlijiet maġġuri ta' traqqiegħ li jagħtu aċċess u aċċess biss f'Ħaż-Żabbar (ZLC 8/2017)**

501.6.2 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Roderick Vella, il-Kunsill qabel unanimament li jittermina b'mod immedjat il-kuntratt għall-manutenzjoni ta' toroq u xogħlijiet maġġuri ta' traqqiegħ li jagħtu aċċess u aċċess biss f'Ħaż-Żabbar (ZLC 8/2017) li l-Kunsill għandu mal-kumpanija *Dimbros Limited.* Dan peress illi minkejja li l-kumpanija *Dimbros Limited* ingħatat *default notice* xorta waħda baqgħet ma wettqitx ix-xogħol mitlub mill-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Roderick Vella, il-Kunsill qabel unanimament li tittieħed il-garanzija bankarja peress illi l-kumpanija *Dimbros Limited* ma kinitx onorat l-obbligi tal-kuntratt.

**Ġbir ta' skart organiku**

501.6.3 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jiġi ffirmat il-kuntratt numru 320-18 mal-kumpanija *Wasteserv* dwar il-parteċipazzjoni fil-proġett tal-iskart organiku. B'hekk il-Kunsill jintrabat li l-ġbir ta' skart organiku isir tlett darbiet fil-ġimgħa; nhar ta' Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa, u li l-ġbir tal-iskart tal-borża s-sewda flimkien mal-ġbir tal-iskart organiku jista' jsir nhar ta' Tnejn biss. Il-ġbir tal-borża s-sewda ma jistax isir nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Ġimgħa. Il-kumpanija *Wasteserv* ser tkun qed tħallas lura l-ammont ta' €332 għal kull ġurnata li fiha jsir il-ġbir ta' skart organiku. Dan il-ftehim huwa validu sal-31 ta' Diċembru 2019.

**501.7 Laqgħa Annwali tal-komunità**

501.7.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Julian Paul Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa annwali pubblika ssir nhar it-Tnejn 17 ta' Diċembru, 2018.

**501.8 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju (Jannar-Settembru 2018)**

501.8.1 Fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mis-Sur Roderick Vella, il-Kunsill approva unanimament ir-rapport finanzjarju għall-perjodu Jannar – Settembru 2018.

**501.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

501.9.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-iskeda tal-ħlasijiet għall-perjodu mit-23 t' Ottubru 2018 sas-26 ta' Novembru 2018 li kien jammonta għal €71,554.79. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sur Roderick Vella li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg.

501.9.2 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Vici-Sindku, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash* għax-xahar t' Ottubru li kien jammonta għal €78.44.

**501.10 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

501.10.1 Il-Viċi-Sindku talab sabiex jitbaxxew ir-*roadhumps* li hemm fi Triq Alessio Erardi peress li kienu għoljin. Il-Viċi-Sindku semma l-ħtieġa sabiex isir *refresh* ta' dawn ir-*road humps.*

501.10.2 Is-Sur Joseph Vella staqsa jekk kienux ser isiru l-*bollards* fi Triq Alessio Erardi. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv.

501.10.3 Is-Sur Joseph Buttigieg informa lill-Kunsill illi fl-20 ta' Diċembru 2018 kien ser jorganizza ikla għall-anzjani Żabbarin. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet

issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jixtri tifkira għall-anzjani għal din l-okkażżjoni.

501.10.4 Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex il-Kunsill jagħmel tinda biex isservi bħala *bus shelter* fi Triq Villabate fil-viċinanzi ta' Tal-Plier peress illi m'hemmx biżżejjed wisa' biex isir *bus shelter*. Is-Sur Julian Paul Scicluna talab lill-Kunsill jinforma lir-residenti li m'hemmx biżżejjed wisa' fejn isir *bus shelter*.

501.10.5 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk kinitx ġiet aċċettata l-applikazzjoni taħt il-Miżura 4.4 - Appoġġ għall-investimenti mhux produttivi marbuta mal-kisba ta' obġettivi agro-ambjentali-klimatiċi ffinanzjata minn fondi ewropej taħt il-Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien għadu ma rċeviex risposta.

501.10.6 Is-Sur Buttigieg qal li waqt laqgħa li kellu mas-Surmast tal-Iskola ġie mitlub iressaq quddiem il-Kunsill talba għal xiri ta' kotba għall-*prize day*. Is-Sur Buttigieg ippropona li l-Kunsill jixtri l-kotba tal-*prize day* tal-iskejjel primarji. Is-Sur Joseph Vella issekonda l-proposta tas-Sur Buttigieg u l-Kunsill qabel unanimament ma din il-proposta.

501.10.7 Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex id-dawra tal-Monument tal-Gwerra li hemm f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi tiċkien peress illi kienet qed tinħoloq konġezzjoni tat-traffiku kull meta tieqaf il-karozza tal-linja

501.10.8 Is-Sur Joseph Buttigieg semma l-ħtieġa li jsiru *parking bays* fi Triq Santa Duminka.

501.10.9 Is-Sinjura Anna Calleja talbet sabiex isir *refresh* ta' *zebra crossing* li hemm fi Triq is-Santwarju fil-viċinanzi ta Triq Felice.

501.10.10 Is-Sinjura Anna Calleja semmiet il-ħtieġa li ssir bankina fi Triq Villabate fil-viċinanzi ta' Triq San Ġużepp.

501.10.11 Fis-7.30 ta' filgħaxija is-Sur Joseph Bonnici talab li jkun skużat.

501.10.12 Is-Sur Joseph ~~Buttigieg~~ Agius talab sabiex isir xogħol ta' manutenzjoni fil-konok li hemm fir-*roundabout* tal-Mina ta' Hompesch peress illi l-ġebla kienet swiedet bin-nugrufun tal-karozzi. (Emendati)

501.10.13 Is-Sur Joseph ~~Buttigieg~~ Agius staqsa f'hix kien wasal ix-xogħol ta' *resurfacing* fi Triq Ħas-Sajjied. Is-Sindku qal illi x-xogħol kien kważi tlesta. (Emendati)

501.10.14 Is-Sur Joseph ~~Buttigieg~~ Agius qal illi l-arblu li kien hemm fi Triq Sant' Antnin kien tneħħa u staqsa min kien responsabbli sabiex tiġi rranġata l-bankina. Is-Sindku qal illi s-sid kien responsabbli mill-manutenzjoni tal-bankina peress illi kienet tkissret minħabba xogħol ta' kostruzzjoni. (Emendati)

501.10.15 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk kienx hemm żviluppi dwar il-possibiltà li jsir *night shelter* f'Ħaż-Żabbar. Is-Sindku qal illi ghalissa ma kienx hemm żviluppi.

501.10.16 Is-Sur John J Pace talab sabiex isir xogħol ta' tindif fi Sqaq Berqi.

501.10.17 Is-Sur Joseph Vella staqsa jekk kienx ingħata isem fi Triq ġdida fi Triq iċ-Ċimiterju.

501.10.18 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kien qed isir *traffic management* fi Triq Lia, Triq l-Iskola, Triq Santa Duminku u l-madwar.

501.10.19 Is-Sindku qal illi kien ser jinbeda x-xogħol sabiex il-*bus stop* "Santwarju" jitressaq għal quddiem il-ħanut tal-*mobiles* biex jitnaqqas it-traffiku fi Triq is-Santwarju. Is-Sindku qal ukoll illi kien ser jinbeda x-xogħol sabiex issir *central strip* fi Triq ix-Xgħajra ma' Triq Pawlina Muscat Inglott u Dun Victor Cilia.

501.10.20 Is-Sur Roderick Vella semma l-ħtieġa li jsir ix-xogħol ta' *central strip* fi Triq ix-Xgħajra ma' Triq Wied il-Għajn.

501.10.21 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kien ser jibgħat lista bl-*email* tal-impjegati tal-Kunsill flimkien mar-responsabbiltajiet tagħhom u talab lill-Kunsillieri jużaw l-emails tal-impjegati u jikkupjaw lill-Kunsill f'kull *email* li tintbgħat.

501.10.22 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Roderick Vella, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza ikla tal-Milied għall-membri tal-Kunsill.

**501.11 Mozzjonijiet; u**

501.11.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**501.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

501.12.1 Il-laqgħa spiċċat fit-7.45 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-502 laqgħa li saret nhar it-Tnejn 17 ta' Diċembru, 2018.

IFFIRMATA

Marc Vella Bonnici
Sindku

7 ta' Diċembru 2018

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**AĠENDA Numru 502**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar**

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 502 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 17 ta' Diċembru, 2018 fis-6.30 ta' filgħaxija.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet* u hi miftuħa għall-pubbliku.

7 ta' Diċembru 2018
Data

____________
Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv

**AĠENDA**

502.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
502.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
502.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
502.4 Estimi annwali 2019;
502.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
502.6 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
502.7 Mozzjonijiet; u
502.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss;